**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 29 ta` Frar 2016**

**Kawza Nru. 18**
**Rik. Gur. Nru. 440/10 JZM**

**Raffaele Vella**

***kontra***

**Salvino, Vincent, Joseph, Raymond, Lino, Mario, Anthony, Victoria u Suor Cecilia, ahwa Vella, kif ukoll Carmen armla ta` Saviour Vella**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-30 ta` April 2010 li jaqra hekk :–

*1. Illi fit-2 ta` Mejju, 2000 miet Saviour Vella (Dokument A), missier ir-rikorrent u l-kontendenti l-ohrajn ahwa Vella hawn intimati, u r-ragel tal-intimata Carmen Vella.*

*2. Illi bl-ahhar testment tieghu in atti n-Nutar Dottor Pierre Cassar tas-6 ta` April, 2000 l-imsemmi Saviour Vella minbarra l-legati minnu mhollija a favur tal-intimata bintu Victoria skont it-tieni u t-tielet artikoli tal-istess testment, istitwixxa bhala eredi universali tieghu lill-intimati uliedu Victoria, Raymond, Salvatore, Vincent u Lino f`sehem indaqs bejniethom (Dokument B).*

*3. Illi jirrizulta li gie lez id-dritt tal-esponent ghas-sehem legittimarju lilu spettanti mill-wirt ta` missieru l-imsemmi Saviour Vella.*

*Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex m`ghandhiex din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi :-*

*(i) Tillikwida l-assi ereditarju ta` Saviour Vella, hawn fuq imsemmi, li kif inghad miet fit-2 ta` Mejju, 2000 ;*

*(ii) Tillikwida s-sehem legittimarju spettanti skont il-ligi lir-rikorrent Raffaele Vella mill-assi ereditarju ta` missieru Saviour Vella ;*

*(iii) Tordna li jigi assenjat lill-istess rikorrent is-sehem legittimarju li jigi hekk likwidat ;*

*(iv) Tiffissa l-jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-att notarili opportun, minn Nutar Pubbliku li jigi nominat ghal dan l-iskop, sabiex issir l-assenjazzjoni lir-rikorrent tas-sehem legittimarju spettanti lilu kif likwidat minn din il-Qorti ; u*

*(v) Tinnomina kuraturi biex jirrappresentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-att notarili hawn fuq riferit.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati ngunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur, u l-elenku ta` dokumenti li kienu esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata ta` Anthony Vella (ID526451M) li kienet prezentata fil-21 ta` Mejju 2010 li taqra hekk :–

*1. Illi l-esponenti mhuwiex il-legittimu kontradittur tal-esponenti, stante li hekk kif jirrizulta mill-premessi tar-rikors guramentat stess, l-esponenti, ghalkemm iben id-defunt Saviour Vella, mhuwiex wiehed mill-eredi u/jew legatarji tal-istess Saviour Vella u dan skont it-testment ikkwotat mill-attur stess, redatt fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar tas-6 ta` April, 2000.*

*2. Illi inoltre l-esponenti ma jiddetjeni l-ebda proprjeta` u/jew assi li kienu jappartjenu lid-defunt Saviour Vella jew formanti parti l-eredita` tieghu.*

*3. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent fil-konfront tal-esponenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut Anthony Vella.

Rat ir-risposta guramentata ta` l-konvenuti ahwa Vella : Saviour, Vincent, Raymond, Lino u Victoria, li kienet prezentata fil-31 ta` Mejju 2010 u taqra hekk :–

*1. Mertu : Illi qabel xejn jigi eccepit illi t-testatur eskluda lir-rikorrenti Raffaele Vella mill-wirt ghal raguni gusta li hija spjegata wkoll fit-testment innifsu u li l-veracita` taghha ser tigi ppruvata fil-mori ta` din il-kawza.*

*2. <u>Proceduralment</u> : It-tieni sal-hames talba, kif redatti, ma jistghux jintlaqghu u dan ghaliex :*

*(i) Il-kuncett tal-"legittima" tnehha mil-ligi Maltija bl-emendi fil-Kodici Civili tal-2004 u ghalhekk m`ghadux rikonoxxut "sehem legittimarju" imsemmi fit-tieni u t-tielet talba imma semmai "sehem riservat".*

*(ii) Ghall-istess raguni, ir-rikorrenti ghandu biss jedd ghal kreditu kontra l-wirt u mhux ghal sehem mill-assi ereditarji. Ghalhekk ir-raba` u l-hames talba rigwardanti assenjazzjoni tas-sehem permezz ta` kuntratt notarili u nomina ta` kuraturi ma jistghux jintlaqghu.*

*3. <u>Mertu</u> : Minghajr pregudizzju ghas-suespost, trid issir likwidazzjoni ekwa u skont il-ligi tal-assi tad-decuius li tikkunsidra inter alia*

*(i) Donazzjonijiet kollha illi rcieva Raffaele Vella mhux biss direttament minghand id-decuius izda wkoll mill-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwist gja vigenti bejn id-decuius u l-intimata Carmela Vella*

*(ii) It-taxxa fuq dokumenti u trasferimenti gja mhallsa mill-esponenti mad-dikjarazzjoni causa mortis*

*4. Illi ai termini tal-Artiklu 158(3) tal-Kap 12 jigi dikjarat kif gej :*

*(i) Il-fatti dikjarati fl-ewwel zewg paragrafi tar-rikors mhumiex ikkontestati.*

*(ii) Dak dikjarat fit-tielet paragrafu, cjoe illi gie lez id-dritt tal-esponenti ghas-sehem legittimarju allegatament lilu spettanti qed jigi kkuntestat ghar-ragunijiet fuq spjegati*

*5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-imsemmija konvenuti.

Rat in-noti li pprezentaw il-konvenuti Suor Cecilia Vella u Mario Vella fejn ighidu - bl-istess mod u manjiera – illi li kienu notifikati bir-rikors guramentat, pero` ghazlu li ma jipprezentawx risposta mahlufa, u ghalhekk kienu qeghdin jirrimettu ruhhom ghad-decizjoni eventwali ta` din il-Qorti ; illi bil-fatt li ma pprezentawx risposta guramentata m`kellux ifisser li riedu juri xi dispett lejn l-awtorita` tal-Qorti ; u illi fis-snin li ghaddew diversi kienu l-vicendi gudizzjarji bejn membri tal-familja taghha u ghalhekk ma riedux li jkunu involuta fihom.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-2 ta` Dicembru 2010 fejn osservat illi minkejja li kien skada z-zmien preskritt mil-ligi, il-konvenuti Carmen Vella u Mario Vella baqghu ma pprezentawx risposta guramentata u ghalhekk il-posizzjoni taghhom kienet dik ta` kontumaci.

Rat illi fl-istess udjenza l-konvenuti Mario Vella u Joseph Vella rrimettew ruhhom ghall-provi.

Rat illi fl-istess udjenza ghaddiet sabiex tahtar periti gudizzjarji.

Rat ir-relazzjoni peritali, u l-atti relatati maghha, inkluz il-provi.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-attur u tal-konvenuti Saviour, Vincent, Raymond, Carmel sive` Lino u Victoria ahwa Vella.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar fl-udjenza tal-14 ta` Lulju 2015.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Xiehda

**<u>Michael Schembri</u>** *compliance manager* ma` Global Capital plc xehed illi llum fuq il-mejjet Saviour Vella ma kienx hemm registrati assi bhal *accounts* jew *holdings.* Qabel l-istess Saviour Vella kellu *holding* flimkien ma` Victoria Vella izda l-*account* kien gie likwidat fis-sens li l-assi kienu gew trasferiti fuq isem Victoria Vella. Huwa pprezenta l-*purchase contract* li juri x`sar minnhom il-flus meta gew akkreditati lil Victoria Vella li toqghod "Saratoga", Triq Dun Mawro Inguanez, Birkirkara. Iprrezenta ukoll kopja tas-*sales contract note* li turi l-*account* li gie likwidat. Meta Saviour Vella kien ghadu haj, l-*account* kien *joint* f`ismu u f` isem bintu u cioe` l-istess Victoria Vella. Mal-miet Saviour Vella il-kont gie *blocked.* Qal illi damu tmien (8) snin sabiex il-flus inqalbu ghal fuq isem Victoria Vella.

Kompla xehed illi huwa sab illi kien hemm *contract number* 4380 datat l-1 ta` Dicembru 1998 fejn kienu nvestiti STG 25,841.82c fuq isem *Mr S and Mrs C Vella,* jigifieri Saviour u Carmen konjugi Vella. Jidher li dan l-*account* inqasam fi tnejn fis-sens li nofs mar mar fuq *Mrs C Vella* ghaliha bil-*contract number 5346* fid-29 ta` Marzu 1999, u n-nofs l-iehor gie registrat fuq *Mr Saviour Vella* u bintu Victoria.

**<u>Romuald Attard</u>** ghal Bank of Valletta plc xehed illi mal-Bank kien hemm zewg kontijiet f`isem Saviour Vella : *term deposit account* nru 13301215015 li kellu bilanc ta` €4,658.75c fil-21 ta` Lulju 2011 ; u *savings account* nru 13412080016 li kellu bilanc ta` €7,132.48 fil-21 ta` Lulju 2011. Illum dawn iz-zewg kontijiet huma *blocked.*

Kompla fisser illi l-kont nru 1341208016 infetah fid-19 ta` Awissu 1993. L-ewwel statement ta` l-1996 juri bilanc ta` Lm 2,000. L-ahhar *transaction* qabel il-kont gie *blocked* kienet dik tal-4 ta` April 2000 fejn kienet zbankata s-somma ta` Lm 110. Wara l-mewt ta` Saviour Vella, kien hemm xi *accounts* ohra li kienu *fixed deposits* u l-interessi relattivi ghal dawn il-*fixed deposits* bdew jigu kreditati godan il-kont. Fil-fatt kien hemm *fixed deposit account* nru 1330121502-8 li kien jezisti qabel Mejju 2000 u fid-data tal-mewt ta` Saviour Vella kellu bilanc ta` Lm 2,110.30. Fit-8 ta` Awissu 2007 il-bilanc ta` dan il-*fixed deposit* kien zdied billi l-interessi kienu baqghu jigu akkumulati u tela` ghal Lm 2,523.34c. Dan il-*fixed account* inghalaq u l-ammont kien trasferit fis-*savings account* nru 13412080016. Biz-zieda tal-imghax, l-ammont tela` ghal €7,132.48c.

Qal illi relattivament ghall-kont l-iehor 13301215015 dan kienu juri bilanc ta` €4,658.75c.

Ikkonferma li l-kontijiet kollha huma *blocked* b`rizultat ta` mandat ta` sekwestru nru 202/2000 fejn il-kreditur tidher li hija Carmen Vella. L-ammont imsemmi fis-sekwestru huwa ta` Lm 101,541. Hemm ukoll mandat ta` sekwestru iehor nru 4211/1999 ghall-istess ammont.

**Victoria Vella** xehdet ghar-rigward tad-Dok SCN esebit minn Global Capital plc illi kien jidher imnizzel isimha ghaliex hekk kienet ix-xewqa ta` missierha li ried li dawn il-flus jaqghu f`isimha wara l-mewt tieghu. Dawn ma kinux flus li investiet hi ; lanqas taf li daru fuq isimha. Missierha u ommha kienu nvestew l-istess ammonti. Ikkonfermat illi l-wirt ta` missierha kien ghadu ndiviz. Qabel miet missierha, ommha bdiet proceduri ta` separazzjoni personali liema proceduri nqatghu wara l-mewt ta` missierha. Minhabba dik il-kawza kien hemm kollox imblukkat. Kien hemm ukoll is-socjeta` Velga Brothers Limited li kienet ghaddejja minn proceduri ta` stralc.

## III. L-immobbli

### a) Il-Perit Joseph Ellul Vincenti

Il-Perit Joseph Ellul Vincenti kien maghzul mill-partijiet fil-kors tal-perizja.

Huwa ghamel stima tal-fond "Saratoga", 28, Triq Dun Mauro Inguanez, Birkirkara. Hejja rapport datat 8 ta` Mejju 2012 fejn qies illi l-izvilupp li seta` jsir fis-sit kien limitat biss ghall-kostruzzjoni ta` *semi detached villas* jew ta` erba` *maisonettes* forma ta` villa.

Huwa acceda fuq il-post fit-3 ta` Mejju 2012 u ghamel dawn il-kostatazzjonijiet :

*1. Il-villa Saratoga hi mibnija fuq corner site kif murija fuq Dok C u tinsab mibnija fi tlett sulari kif sa jigi deskritt aktar tard.*

*2. Il-basement floor fil-parti l-kbira jikkonsisti f` garage area, parti zghira li hi abitabbli u gnien mad-dawra tad-dar kollha.*

*3. Is-sular ta` fuq il-basement jikkonsisti fi kcina, toilet, dining room u sitting room, kollha bi twieqi ghall-barra.*

*4. Is-sular ta` fuq il-ground floor jikkonsisti fi tlett kmamar tas-sodda u zewg kmamar tal-banju.*

*5. Fil-livell tal-bejt hemm kamra tal-hasil. L-art tal-bejt hi miksija b` xorta ta` waterproofing li jidher illi ma tax ir-rizultat mixtieq.*

*6. Is-sistema ta` l-ilma hi antika tal-galvanised iron pipes li sa fejn seta` jara s-sottoskritt jinsab fi stat avvanzat ta` korrozjoni.*

*7. Is-sistema ta` l-elettriku hi antika izda adekwata.*

*8. Is-soqfa tal-villa huma tal-concrete u ghalkemm fis-sular tal-basement kif ukoll fil-ground floor, ma jidherx li hemm xi mankament, pero` fil-first floor hemm diversi areas li jindikaw hsara serja fis-saqaf.*

*9. Wahda mill-bathrooms hi fi stat inkomplet.*

*10. Il-fond hu soggett ghal cens annwu u perpetwu ta` tmenin lira Maltin.*

*11. Il-kostruzzjoni tal-binja, in generali, tidher li hi fi stat tajjeb hlief ghal xi partijiet zghar fis-sular ta` fuq.*

Il-konkluzjoni tal-Perit Ellul Vincenti kienet din :-

*… wara li ttiehdu in konsiderazzjoni l-limitazzjonijiet ta` zvilupp ta` din is-site, u dan skond ir-regolamenti tal-MEPA, is-sottoskritt jistma dan il-fond, illum, huwa s-somma ta` erbgha mija u sittin elf Ewro. Is-sottoskritt ihoss li wiehed jista` jiehu l-valur ta` dan il-fond fis-sena 2000, bhala l-istess ta` dik tas-sena 2012. Il-valur tal-proprjeta` bejn 2000 u 2012 telgha u rega` nizel.* ***<u>Nirrepeti €460,000</u>****.*

**b) <u>Il-Perit Valerio Schembri</u>**

Il-Perit Valerio Schembri kien inhatar bhala perit tekniku fil-kors ta` kawza bejn il-konjugi Carmen u Saviour Borg. Ir-relazzjoni tieghu f`dik il-

kawza kienet ipprezentata bhala prova fil-kawza tal-lum. Fir-relazzjoni, jirrizultaw dawn ir-rilievi u valutazzjonijiet :-

***<u>Fond I</u>***

***Detached Villa" bl-isem ta` "Saratoga" gewwa Triq Don Mauro Inguanez, Birkirkara :***

***Tip ta` Proprjeta` u Deskrizzjoni –***

*... Il-fond in kwistjoni jikkonsisti minn "detached villa" ta` zewg sulari u basement level. L-access ghall-pjan terren u t-terazzini li jiccirkondawh huwa minn Triq Don Mauro Inguanez, Birkirkara, filwaqt illi l-access ghall-basement garaje u l-istess livell tal-basement huwa permezz ta` rampa li taghti ghal Triq l-Konti G.A. Ciantar. ...*

*Il-pjan terren tal-fond hekk qed jigi muri fuq Dettall NN tal-pjanta fl-anness Dok A jinkludi salott u kamra ta` l-ikel, shower room, kcina u kamra tas-sodda. Jiccirkondaw l-istess pjan terren hemm numru ta` terazzini kbar li jaghtu in parti ghal Triq Mauro Inguanez, u in parti ghal fuq il-gnien u drive-way li jiccirkondaw il-bini proprja tal-fond. Jezisti ukoll tarag li jghaqqas it-terazzini in kwistjoni mal-livell tal-gnien li qieghed fl-istess pjan mal-basement level.*

*Hekk kif muri fuq Dettall MM tal-pjanta Dok A, il-basement level jikkonsisti minn garaje kbir li l-access ghalih huwa minn driveway ippavimentata bil-konkos li taghti ghal Triq il-Konti G.A. Ciantar. Biswit il-garage in kwistjoni hemm kamrin iehor li jigi taht it-tarag li jghaqqad il-gnien fil-livell tal-basement mat-terazzini fil-pjan terren.*

*It-tieni sular tal-fond hekk kif qed jigi muri fuq Dettall OO tal-pjanta fl-istess Dok A jinkludi tlett kmamar tas-sodda u zewg kmamar tal-banju (wahda minnhom en-suite). Permezz ta` tarag intern wiehed jista` jaccedi ghall-livell tal-bejt fejn hemm il-washroom.*

*Il-proprjeta u cioe l-plot in kwistjoni ghandu kejl ta` cirka hamsa u ghoxrin (25.50m) bi tlieta u ghoxrin metru (23.00m) u qeghdha f` kantniera. (Dawn il-figuri huma approssimattivi u ghal skop ta` valutazzjoni biss).*

***Kostruzzjoni -***

*Il-hitan huma tal-gebel tal-franka u s-saqaf tal-konkos rinfurzat. Il-kostruzzjoni tidher li hija f` kundizzjoni tajba.*

***Finituri –***

*Il-finituri tal-fond huma fi stat accettabbli u jidher illi l-fond huwa mantenut regolarment. L-art hija ccangata bil-madum tal-marmettone iswed u t-tarag principali irhamat u bil-poggaman. Il-hitan huma mizbughha bil-Plastic Emulsion Paint jew Water Paint, filwaqt illi l-bibien interni huma ta` l-injam.*

***Valur tal-Proprjeta` –***

*Wara li kkunsidra dawn il-punti, l-esponent jistma din il-proprjeta` suggetta ghal cens annwu u perpetwu ta` tmenin Lira Maltin (Lm 80.00) fl-ammont ta` mitejn u hamsin elf Lira Maltin (Lm 250,000.00).*

***<u>Fond II</u>***

***Hanut bin-numru sitta (6) gewwa St Helen Square Birkirkara***

***Tip ta` Proprjeta` u Deskrizzjoni –***

*Il-fond in kwistjoni jikkonsisti minn pastizzerija fil-pjan terren. Il-faccata tal-fond taghti ghal St Helen Street, Birkirkara …*

*Il-fond jikkonsisti minn tlett ambjenti u cioe` l-pastizzerija propjra, il-kcina u kamra tal-banju zghira fuq in-naha ta` wara. Il-fond huwa mikri lil terzi fis-somma ta` tlett Liri Maltin (Lm 3.00) kull jum.*
*Il-proprjeta` ghandha faccata ghal fuq it-triq ta` cirka hames metri u ghoxrin centimetru (5.20m) u tul ta` cirka disgha metri u sebghin centimetru (9.70m). 9Dawn il-figuri huma approssimattivi u ghal skop ta` valutazzjoni biss.)*

***Kostruzzjoni –***

*Il-proprejta` ghandha faccata ghal fuq it-triq ta` cirka hames metri u ghoxrin centimetru (5.20m) u tul ta` cirka disgha metri u sebghin centimetru (9.70m). (Dawn il-figuri huma approssimattivi u ghal skop ta` valutazzjoni biss.) Il-kostruzzjoni tidher li hija f` kundizzjoni tajba.*

***Finituri –***

*Il-finituri tal-fond huma fi stat accettabbli u jidher illi l-fond huwa mantenut regolarment. Il-fond huwa attrezzat b` dak kollhu li jenhtieg sabiex jopera bhala pastizzerija.*

***Valur tal-Proprjeta –***

*Wara li kkunsidra dawn il-punti, l-esponenti jistma din il-proprjeta` libera u franka fl-ammont ta` hamsa u ghoxrin elf lira maltin (Lm 25,000.00).*

***<u>Fond III</u>***

***"House of Character" bin-numru mitejn u erbgha (204) gewwa Vicotru Street, Senglea***

***Tip ta` Proprjeta` u Deskrizzjoni –***

*Il-fond in kwistjoni jikkonsisti minn "nconverted house of carácter" gewwa Senglea…*

*Il-pjan terren tal-fond hekk kif muri fuq Dettal QQ tal-pjanta Dok C jikkonsisti minn kuritur principali li huwa msaqqaf permezz ta` troll liema kuritur jispicca f` bitha nterna u centrali. Madwar din il-bitha hemm imdawwrin numru ta` ambjenti u forn. Minn speci ta` logga fuq in-naha ta` wara tal-bitha wiehed jista` jikseb Access permezz ta` tarag ghall-kantina sotterranja.*

*Il-livell tal-mezzanin hekk kif muri fuq Dettall RR tal-pjanta Dok C jista` jintlahaq mit-tarag principali u jikkonsisti minn zewg ambjenti interkonnessi ma` xulxin.*

*L-ewwel sular hekk kif muri fuq Dettall SS tal-pjanta Dok C jikkonsisti minn erba` (4) ambjenti wiehed minnhom u cioe` dak fuq il-faccata huwa sala kbira. Mill-logga li taghti ghall-bitha nterna centrali wiehed jista` jaccedi ghal fuq it-terazzin li jaghti wkoll ghal fuq l-istess bitha nterna. Permezz ta` garigor fit-tarf tal-logga, wiehed jista` jikseb access ghal fuq il-bejt.*

*Il-proprjeta` ghandha tul ta` cirka hmistax-il metru u erbghin centimetru )15.40m) u fl-ewwel sular ghandha faccata ghal fuq it-triq ta` cirka hdax-il metru u ghoxrin centimetru (11.20m). (Dawn il-figuri huma approssimattivi u ghal skop ta` valutazzjoni biss.)*

***Kostruzzjoni –***

*Il-hitan huma tal-gebel tal-franka u l-isqfa parti tat-travi u xorok u parti tal-konkos rinfurzat. Il-kostruzzjoni tidher li tenhtieg attenzjoni serja f` xi partijiet specjalment fil-kmamar fejn jidher illi waqa s-saqaf.*

***Finituri –***
*Il-fond jenhtieg conversion u refurbishment total.*

***Valur tal-Proprjeta –***

*Wara li kkunsidra dawn il-punti, l-esponenti jistma din il-porprjeta` libera u franka fl-ammont ta` hamsa u sebghin elf Lira Maltin (LM 75,000.00).*

***<u>Fond IV</u>***

***Ghalqa fil-limiti tas-Siggiewi fil-kontrada "Ta` Manduca", "Ta` Gesmond" u anke "Ta` Wied Zikku"***

***Tip ta` proprjeta` u deskrizzjoni –***

*L-ghalqa in kwistjoni tinsab fil-kontrada msejha " Ta` Manduca", "Ta` Gesmond" u anke "ta` Wied Zikku" fil-limiti tas-Siggiewi. L-ghalqa in kwistjoni tikkonsisti f` sitt hbula raba`, b` zewg kmamar wahda sovraposta ghal l-ohra b` zewg bjar ta` l-ilma li minnhu ghandha tirriserva in komun il-porzjon raba` vicina ta` l-eredi ta` Carmelo Farrugia, ta` kejl superficjali komplessiv ta` cirka disa` tmiem 9Tom. 9.0.0) u li tikkonfina mit-Tramuntana mat-triq "Ta` Manduca", mil-Lvant in parti ma` l-imsemmija porzjon raba` ta` l-eredi ta` Carmelo Farrugia u in parti ma` raba` ta` Giuseppe Attard u mill-Punent ma` Wied Zikku bid-drittijiet u l-pertinenzi taghha kollha.*

***Valur tal-Proprjeta` –***

*Wara li kkunsidra dawn il-punti, l-esponenti jistma din il-proprjeta` libera u franka fl-ammont ta` mitt elf Lira Maltin (Lm100,000.00).*

***<u>Fond V</u>***

***Ghalqa fil-limit tas-Siggiewi fil-kontrada "Ta` Xriha"***

***Tip ta` Proprjeta` u Deskrizzjoni –***

*L-ghalqa in kwistjoni tinsab fil-kontrada msejha "Ta` Xria" fil-limiti tas-Siggiewi. Din l-ghalqa tikkonsisti minn habel wiehed tal-kejl superficjali ta` cirka tomna, siegh u tmien kejliet (Tom 1.1.8) bid-dritt li tisserva in komun minn bir ta` l-ilma li qieghed fir-raba` vicin imsejjah "Ta` Manduca". L-ghalqa tikkonfina mit-Tramuntana mal-Wied ta` Manduca, minn Nofsinhar u mill-Lvant ma` raba` ta` l-eredi ta` Leonardo Attard.*

***Valur tal-Proprjeta`*** *– Wara li kkunsidra dawn il-punti, l-esponenti jistma din il-porprjeta` libera u franka fl-ammont ta` tminn t` elef Lira Maltin (Lm 8,000.00).*

**c) <u>Il-Perit Alan Saliba</u>**

L-istimi li kien ghamel il-Perit Alan Saliba fis-6 ta` April 2006 kienu prezentati bhala prova dokumentarja waqt is-seduti peritali.

Dawn kienu l-osservazzjonijiet tal-Perit Saliba :-

***<u>28, "Saratoga", Triq Dun Mawru Inguanez, Santa Venera</u>***

***Tip ta` Proprjeta` u Deskrizzjoni –***

*"Detached villa" mibnija fuq tlett sulari li tinkludi garaxx kbir, shower, kcina/kamra tal-pranzu, kamra ohra, logga u gnien fil-pjan sottoterran, kcina, salott, kamra tal-pranzu u kamra ohra fil-pjan terran; erbat ikmamar tas-sodda u kamra tal-bnaju fl-ewwel sular u "washroom" fuq il-bejt. Il-villa tinkludi wkoll terrazzin fuq quddiem sovrastanti parti mil-garaxx u l-logga li hemm fil-pjan sottoterran.*

***Karatteristici –***

*Din il-proprjeta` tinsab kantuniera ma` Triq il-Konti G.A. Ciantar. Il-garaxx huwa wiesgha sebgha punt tlieta metri (7.3m) u fond sittax punt sitta metri (16.6m) u jinsab in parti sottostanti l-villa u in parti sottostanti l-parapett fuq Triq Dun Mawru Inguanez. Dawn il-qisiem huma approssimattivi u ghal skop ta` valutazzjoni biss.*

***Kostruzzjoni –***

*Il-hitan huma tal-gebel tal-franka u s-soqfa maghmula bil-konkos rinforzat. Is-saqaf tal-garaxx jinkludi travi mdendla tal-hadid. Dehru sinjali ta` tfaqqiegh tax-xibka kemm fis-saqaf tal-kamra tal-banju u kif ukoll fis-saqaf tal-"washroom".*

***Finituri –***

*Bieb tal-garaxx tat-tip "roller shutter" tal-pjanci; bibien interni ta` l-injam mastizz, apertura esterenti ta` l-aluminjum, madum tal-mozajk fl-art tal-pjan terran u ta` l-ewwel sular u madum tac-ceramika fl-art tal-pjan sottoterran. Tarag miksi bl-irham u bil-poggaman tal-hadid.*

***Cens –***

*Din il-porprjeta` hija soggetta ghac-cens annwu u perpetwu ta` tmenin Liri Maltin (Lm 80.00).*

***Valur tal-Proprjeta` –***

*Wara li kkunsidrajt dawn il-punti, jien hawn taht iffirmat qieghed nistma din il-proprjeta` bhala libera u franka fl-ammont ta`**<u>mija u sittin elf liri Maltin (Lm 160,000).</u>***

***<u>204, Triq il-Vitorja, Isla</u>***

***Tip ta` Proprjeta` u Deskrizzjoni –***

*Post antik fuq zewg sulari. Parti mil-fond, fuq in-naha tax-xellug, tinsab fuq garaxx proprjeta` ta` terzi u parti mil-lemin ghandha l-parti ta` quddiem li tinsab fuq proprjeta` ta` terzi u l-parti ta` wara taht l-istess proprjeta` ta` terzi. Il-fond jinkludi bitha nterna u kmamar imdawwrin maghha. Tarag jaghit ghall-ewwel sular fejn hemm kamra kbira hafna u tlett ikmamar ohra.*

***Kostruzzjoni –***

*Il-hitan huma tal-gebel tal-franka u s-soqfa maghmula bi travi ta` l-injam u xorok tal-franka.*

***Finituri –***

*Madum tas-siment u apertura ta` l-injam.*

***Valur tal-Proprjeta` –***

*Wara li kkunsidrajt dawn il-punti, jien hawn taht iffirmat qieghed nistma din il-proprjeta` bhala libera u franka fl-ammont ta`* ***sittin elf liri Maltin (Lm 60,000).***

***51, Rill-In Pastizzeria, Pjazza Sant` Elena, Birkirkara***

***Tip ta` Proprjeta` u Deskrizzjoni –***

*Pastizzerija fil-pjan terran li tinsab taht prorjeta` ta` terzi. Il-pastizzerija tinkludi kamra kbira fuq il-faccata, kamra ohra zghira fuq wara u bitha nterna li fiha hemm toilet. Il-proprjeta` fiha kejl superficjali ta` tmienja u ghoxrin punt sitta metri kwadri (28.6 m.k.) b` faccata miftuha fuq it-triq ta` erbgha punt disgha metri (4.9m) u fond total ta` ghaxra punt wiehed metri (10.1). Il-fond fih gholi ta` sittax-il filata. (dawn il-qisien huma approssimattivi u ghal skop ta` valutazzjoni biss).*

***Kostruzzjoni –***

*Il-hitan huma tal-gebel tal-franka u s-soqfa ma jidhrux minhabba li huma mghottija b` soffitt.*

***Finituri*** *– Madum tac-ceramika, soffitt tal-mineral fibre u faccata maghluqa bl-aluminjum.*

***Valur tal-Proprjeta` –***

*Wara li kkunsidrajt dawn il-punti, jien hawn taht iffirmat qieghed nistma din il-proprjeta` bhala libera u franka fl-ammont ta`****tnejn u ghoxrin elf liri Maltin (Lm 22,000).***

***Raba` Ta` Gismond, Limiti tas-Siggiewi***

***Tip ta` Proprjeta` u Deskrizzjoni –***

*Madwar disa` tomniet raba` li jinkludu zewgt ikmamar zghar antiki, wahda fuq l-ohra u zewgt ibjar forma ta` qanpiena. Din ir-raba` hija maqsuma fi tlett partijiet; bl-ewwel parti lejn in-naha tal-Punent b` kejl ta` ftit ak tar minn tomna, maqsuma f` bicctjen, li fiha z-zewgt ikmamar imsemmija, u li tikkonfina ma` Triq Ta` Dikkeina, it-tieni parti centrali b` kjjel ta` ftit anqas minn tomnejn u t-tielet parti b` kejl*

*ftit anqas minn sitt tomniet, maqsuma f` bicctejn, u li tikkonfina mal-Wied ta` Manduca.*

***Karatteristici –***

*Din il-proprjeta` tikkonfina mil-Punent ma` Triq ta` Dikkiena ghal tul ta` madwar tmienja u tletin metri (38m) u mit-Tramuntana mal-Wied ta` Manduca ghal tul ta` madwar erba` u sittin metri (64m). Dawn il-qisien huma approssimattivi – billi huma mehuda mis-"survey sheet" skala 1:2500 – u ghal skop ta` valutazzjoni biss.*

***Fatturi ohra –***

*Ghalkemm din il-proprjeta` fiha l-hamrija, din ir-raba` ma dehritx li qed tinhadem.*

***Valur tal-Proprjeta` –***

*Wara li kkunsidrajt dawn il-punti, jien hawn taht iffirmat qieghed nistma din il-proprjeta` bhala libera u franka fl-ammont ta`**tmenin elf liri Maltin (Lm 80,000).***

***Raba` Ta` Xriha, Limiti tas-Siggiewi***

***Tip ta` Proprjeta` u Deskrizzjoni –***

*Ghalqa b` kejl ta` madwar tomna, siegh u tminn kejliet (1T. 1S. 8K) bid-dritt li tiehu l-ilma minn bir li qieghed fuq raba` vicin imsejjah Ta` Manduca.*

***Karatteristici –***

*Din il-proprjeta` tikkonfina mit-Tramuntana ma` Wied ta` Manduca u minn Nofsinhar u mil-Lvant ma` raba` ta` l-eredi ta` Leonard Attard.*

***Valur tal-Proprjeta` –***

*Wara li kkunsidrajt dawn il-punti, jien hawn taht iffirmat qieghed nistma din il-proprjeta` bhala libera u franka fl-ammont ta`**tmint elef liri Maltin (Lm 8,000).***

**d) L-*estate agents***

Il-Qorti hadet konjizzjoni tal-istima li ghamel **Silvio Demicoli** *property negotiator* datata 11 ta` Novembru 2008 dwar il-fond "Saratoga", Dun Mauro Inguanez Street, Birkirkara, fejn qal hekk :-

*I have inspected/viewed the property fully detached cilla with an underlying basemet 6 car garaje, namely "SARATOGA" Dun Mauro Inguanez Str, B` Kara built on a plot of circa 620 sq, (including patio/garden etc) owned by Mr Salvu Vella (I.D. card no.131553Mm) and his family has a market value `circa` of EUR 410,000/Lm 176.013.00. After considering, that the property is a large, bright, corner property, the state of the property that needs lots of maintenance example (needs change of ceilings of some romos/bathrooms etc) and is situated opposite of blocks of private Apartments, and área of government Apartments as marked with yellow on here attached Mepa site plan marked letter A. As marked in red on the attached local plan Birkirkara building height limitations map property is situated in a 2 floors plus semi basement zone so it`s not so worth for a development of apartments due of less units on the site.*

Dwar l-istess fond saret stima ohra minn **Angelo Borg** *property consultant* ta` Dhalia Real Estate Services. Fir-rapport tieghu jghid :-

*The property consists of a Detached Villa, having a site área of 550sqm circa. Kitchen cupboards, furniture and appliances have been specificallyexcluded for the purposes of this valuation. Generally speaking the property is in need of some modernization. We have acessed our records for a comparative market analysis and can state that, taking into account the supply of and demand for similar property in the área, together with size, a particular layout, location and finish, it i sour opinión that a realistic selling Price would be in the region of EUR 410,000 four hundred and one thousand Euros only) freehold.*

## V. Ir-relazzjoni peritali

### a) Konsiderazzjonijiet :

Saru dawn il-konsiderazzjonijiet :-

*Illi din il-kawza tirrigwarda l-wirt ta` Saviour Vella li huwa missier il-partijiet.*

*Illi f` din il-kawza l-attur qieghed jitlob il-porzjoni riservata liema dritt huwa kontemplat f` dak li hemm dispost fl-Artikolu 616(1) tal-kap 16.Fil-kaz odjern hemm ghaxart itfal u ghalhekk skond l-imsemmija artikolu tal-ligi, il-porzjoni rizervata hija nofs il-valur tal-eredita`. Konsegwentement, l-attur ghandu dritt ta` wiehed minn ghaxra (1/10) fuq nofs il-valur tal-eredita` u cioe` wiehed minn ghoxrin (1/20).*

*Illi Saviour Vella miet fit-2 ta` Mejju 2000 fiz-zmien meta kien ghad hemm ghaddejjin proceduri ta` separazzjoni personali bejnhu u bejn martu l-intimata Carmen Vella. Skond sentenza li giet pronunzjata fil-31 ta` Ottubru 2007, is-separazzjoni bejn l-imsemmi Saviour Vella u martu giet debitament pronunzjata u fl-istess sentenza giet likwidata l-komunjoni ta` l-akkwisti.Minn ezami tas-sentenza u d-dokumenti li hemm referenza ghalihom jirrizulta illi d-decujus kellhu s-segwenti proprjeta`.*

*<u>Proprjeta` immobiljari</u>*

*i. Il-fond konsistenti f` detached villa numru 28 bl-isem "Saratoga", Triq Dun Mawru Inguanez, Santa Venera. Fil-process hemm hames stimi, wahda mill-Perit Valerio Schembri li ghamel stima ta` Lm 250,000. Il-Perit Alan Saliba li ghamel stima ta` Lm 160,000. Imbaghad hemm zewg stimi ta` estate agents, wahda ta` Silvio Demicoli u l-ohra ta` Dhalia li t-tnejn ghamlu stima ta` EUR 410,000. Finalment il-partijiet flimkien inkarigaw lill-Perit Joe Ellul Vincenti u accettaw l-istima tieghu li wasal ghall-valutazzjoni ta` EUR 460,000. Id-decujus kellu sehem ta` nofs indiviz li ghalhekk ghandu valur ta` EUR 230,000.*

*ii. Id-decujus kellhu wkoll kwart indiviz tal-fond 6, St Helen Square, Birkirkara li fir-relazzjoni annessa fl-imsemmija sentenza Vella vs Vella, il-perit Valerio Schembri ghamel stima ta` Lm 25,000 mentri fil-process hemm stima tal-perit Alan Saliba ta` Lm 22,000. L-esponenti qieghed jaddotta l-valutazzjoni medjana bejn din l-istima taz-zewg periti fil-valur ta` Lm 23,500 ekwivalenti ghal EUR 54, 740. Sehem id-decujus huwa ta` EUR 13, 685.*

*iii. Kien hemm ukoll ¼ tal-fond 204, Victory Street, Senglea li l-Perit Valerio Schembri stima ghal Lm 75,000 (ghal-intier) mentri l-perit AlanSaliba stima ghal Lm 60,000 u l-valur medjan ta` dan il-fond*

*huwa ta` Lm 67,500 ekwivalenti ghal EUR 157,233. Sehem id-decujus huwa ghalhekk EUR 39,398.*

*iv. Hemm l-ghalqa fil-limiti tas-Siggiewi kontrada ta` Manduca sive Ta` Jesmond u anke Ta` Wied Ziku ta` kejl superficjali ta` disghat itmiem li l-Peri tValerio Schembri stima ghal Lm 100,000 u l-Perit Alan Saliba stima ghal Lm 80,000 u l-esponenti ghalhekk qed jiehu l-valur medjan ta` Lm 90,000 ekwivalenti ghal EUR 209,644. Id-decujus kellu nofs indiviz u l-valur ghalhekk huwa ta` EUR104,822.*

*v. Finalment hemm l-ghalqa fil-limiti tas-Siggiewi kontrada Ta` Xriha ta` kejl ta` tomna, siegh u tmin kejliet li z-zewg periti vvalutaw ghal Lm 8,000 ekwivalenti ghal EUR 18,635. Sehem id-decujus ta nofs indivi ghandu valur ta` EUR 9317.*

*Skond il-kuntratt ta` separazzjoni mbaghad hemm diversi mobbli li hemm fid-dining room, l-intrata, salott, kamra tas-sodda, fit-tarag, fil-parapett u fil-kcina. Il_Qorti hatret lil Peter Bonello sabiex jaghmel stima izda din ma gietx ezebita f` din il-kawza, u ghalhekk l-esponenti jista` biss jaghmel kalkolu arbitrali li dawn zgur kellhom valur ta` mill-inqas ghaxart elef Ewro (EUR 10,000) u b` hekk sehem id-decujus huwa ta` EUR 5,000.*

*Apparti dan kien hemm ukoll investimenti mal-Bank of Valletta plc u mal-Global Capital.*

*Mill-provi prodotti quddiem l-esponenti, jirrizulta illi mal-Bank of Valletta plc hemm zewg kontijiet li huma blokkati minhabba li Carmen Vella ghamlet sekwestru fuqhom li f` Lulju 2011 kienu juru bilanc ta` EUR 7,132.48 u ta` EUR 4,658.75c. (fis-sentenza tas-separazzjoni jissemmma l-ammont ta` Lm 4000). Meta bniedem ikun intitolat ghall-porzjoni riservata, huwa jkollu d-dritt ghall-interessi relattivi li jistghu jimmaturaw fuq l-istess kont u ghalhekk minghajr ma` l-esponenti jidhol fil-kwistjoni dwar il-bilanc ezatt li kien jipprevali fil-mument tal-mewt tal-imsemmi decujus u l-kalkolu fuq l-imghax relattiv, huwa tal-fehma illi jkun gust u ekwu li jibbaza l-kalkoli tieghu fuq il-valur li jirrizulta kif kien veljanti meta xehed Romuald Attard fis-16 ta` Settembru 2011 u kif riprodott iktar `il fuq. Ovvjament sehem id-decujus huwa nofs l-imsemmija ammonti billi n-nofs l-iehor presummibilment jappartjeni lil martu. Dan qed jigi rounded up to EUR 6,000.*

*Finalment jigi biex jigi konsiderat il-bilanc li hemm mal-Global Capital. Mill-provi prodotti jirrizulta li mal-Global Capital kien hemm kont MR S and Mrs C Vella li kien jindika Sterling balance ta`*

*£25,841.83 skont contract number 4380. Naturalment id-decujus kellhu nofs minn da nil-valur. Bir-rata ta` kambju odjerna (.83170) dawn jekwivalu ghal EUR 31,071.*

*Apparti dan ukoll hemm kont ossia Global Funds Sicav Plc – Global Bond Fund Plus bir-referenza Order number 82039 li jindika valur ta` EUR 8,084.66 u intestate fuq Ms Victoria and Mr Saviour Vella. Wara l-mewt ta` Saviour Vella dawn gew interament registrati fuq Ms Victoria Vella izda dan sar milli jidher ad insaputa taghha. Jibqa` l-fatt pero` illi minn dan l-ammont ta` EUR 8,084.66 jidher car illi dawn kienu interament flus l-imsemmi Saviour Vella u ghalhekk ghandhom jitqiesu bhala parti mill-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk ghandu nofshom biss ghall-fini tal-kalkolu tal-kawza odjerna.*

*Intqal ukoll illi daqs kemm kien hemm registrati fuq ir-ragel kien hemm ukoll accounts registrati fuq il-mara izda f` dawn il-proceduri ma gewx imressqa l-provi relattivi u ghalhekk l-esponenti ma jistghax jiehu konjizzjoni taghhom.*

*Finalment, fis-sentenza tas-separazzjoni jissemmghu zewg krediti, wiehed ta` Lm 3,000 u l-iehor ta` Lm 13,500 u milli jidher dawn iz-zewg krediti huma marbutin mal-kumpanija Velga Brothers Limited liema kumpanija hija fi stat ta` likwidazzjoni. Jidher ukoll illi d-decujus kellhu xi sehem f` din il-kumpanija u l-istess kumpanija qieghda fi stat ta` stralc minn Dr Louis Cassar Pullicino u l-proceduri ghadhom pendenti.*

*Illi l-esponenti nzamm milli jkomplu l-inkarigu tieghu bit-tama illi l-istess proceduri ta` stralc jilhqu jitlestew u ghalhekk huwa jkun f` posizzjoni biex ikun jaf x` inhu l-valur tad-decujus mill-imsemmija kumpanija izda stante illi dan il-process qed idum, gie miftiehem mill-partijiet illi l-esponenti jghaddi ghar-relazzjoni u jaghmel rizerva espresso ghar-rigward ta` kull porzjoni ulterjuri li jista` jirrizulta lid-decujus mill-imsemmija kumpanija. Naturalment, minn kwalunkwe sehem spettanti lid-decujus, l-attur ghandu dritt ta` 1/20 ghar-raguni kif inghad.*

**b) <u>Konkluzjonijiet</u>**

Dawn kienu l-konkluzjonijiet :-

***...*** *salv ir-rizultanzi rigward l-kumpanija Velga Brothers Ltd, l-esponenti huwa tal-fehma illi l-valur net tal-assi ta` l-imsemmi Saviour Vella li miet fit-2 ta` Mejju 2000 huwa hekk :-*

*1. ½ Saratoga - EUR 230,0002.*
*2. ¼ ta` 6, (gja 51) St Helen Square – EUR 13,6853.*

*3. ¼ ta` 204, Victory Street Senglea – EUR 39,3084.*

*4. ½ Ghalqa fil-limiti tas-Siggiewi kontrada ta` Manduca sive Ta` Jesmond u anke Ta` Wied Ziku – EUR 104,8225.*

*5. ½ ghalqa fil-limiti tas-Siggiewi kontrada Ta` Xiriha – EUR 9,3176.*

*6. Mobbli fil-fond Saratoga – EUR 5,0007.*

*7. Bank of Valletta accounts – EUR 6,0008.*

*8. Global Capital – EUR 15,5359.*

*9. Global Funds Sicav plc – EUR 4,042.*

*Total – EUR 427,709*

***1/20 minn dan il-valur huwa ta` EUR 21,385.45***

*In vista tal-eccezzjonijiet imressqa, jibqa` l-fatt illi t-testatur innomina biss lil uliedu* ***Victoria, Raymond, Salvatore, Vincent u Lino*** *bhala eredi universali u konsegwentement huma l-istess eredi universali li huma obbligati li jhallsu dak mitlub mill-attur.*

*Illi apparti dan, a tenur tad-disposizzjonijiet li jirregolaw il-porzjoni rizervata u partikularment l-Artikolu 620 tal-Kodici Civili, l-attur ghandu dritt li jircievi l-porzjoni rizervata ezenti minn kull spejjez u ghalhekk l-ispejjez ta` dawn il-proceduri ghandhom ikunu a karigu ta` l-eredi, cioe` l-persuni fuq indikati. Ghaldaqstant, l-esponenti fid-dawl tal-premess jikkonkludi illi t-talba tal-attur ghandha tigi milqugha fil-konfront ta` huthu Victoria, Raymond, Salvatore, Vincent u Lino in solidum bejniethom li ghandhom jigu kkundannati jhallsuh is-somma ta` EUR 21,385.45 b` rizerva ghal kull bilanc ulterjuri spettanti lill-istess attur meta jigi kompletat il-process ta` stralc tal-kumpanija Velga Brothers limited kompriz is-sehem tal-ishma u ta` kwalsijasi kreditu spettanti lid-decujus. Il-partijiet l-ohra ghandhom jigu liberati mill-*

*osservanza tal-gudizzju u kull wiehed minnhom ihallas id-drittijiet u spejjez relattivi tieghu.L-ispejjez l-ohra tal-kawza ghandhom ikunu a karigu tal-imsemmija Victoria, Raymond, Salvatore, Vincent u Lino ahwa Vella in solidum bejniethom.*

## V. Konsiderazzjonijiet ta` l-Qorti

### 1. Generali

L-attur qed jitlob l-assenjazzjoni favur tieghu tas-sehem rizervat dovut mill-wirt ta` missieru Saviour Vella.

Jirrizulta li Saviour Vella miet fit-2 ta` Mejju 2000.

L-uniku testment li kien ipprezentat bhala l-ahhar testment tieghu kien dak tas-6 ta` April 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar.

Mhuwiex kontestat illi s-successjoni tal-imsemmi Saviour Vella hija regolat b`dan it-testment.

Fit-testment de quo, Saviour Vella hassar u rrevoka kull testment li seta` ghamel qabel. Fit-tieni (2) u fit-tielet (3) artikoli tieghu, huwa halla b` titolu ta` legat lil bintu Victoria sehmu mill-fond 51, Saint Helen Square, Birkirkara, u kif ukoll sehmu tal-ishma fil-kumpannija Velga Bros Company Limited, ghar-raguni illi l-istess Victoria daret bih u b`martu. Fir-raba` (4) artikolu, Saviour Vella hatar bhala eredi universali u padruni assoluti tal-gid tieghu lil uliedu Victoria, Raymond, Salvatore, Vincent u Lino f`sehem indaqs bejniethom. Fil-hames (5) artikolu, iddikjara li huwa wasal li jaghmel dak it-testment peress li jaf li martu kienet sejra thalli sehemha lil uliedu l-ohra ad eskluzjoni ta` l-ulied imsemmija minnu ; ghalhekk ighid li ghamel it-testment kif ghamlu sabiex uliedu kollha jiehdu kemm jista` jkun indaqs.

Tajjeb li jkun rilevat illi Anthony Vella, li jigi iben Saviour u Carmen Vella, ma kienx istitwiet bhala eredi minn Saviour Vella. Fil-kawza tal-lum, huwa wiegeb illi ma kienx legittimu kontradittur peress li ma kienx eredi.

Din il-Qorti taccetta li l-attur kellu jiehu l-azzjoni ghal-likwidazzjoni u assenjazzjoni tas-sehem riservat tieghu fil-konfront ta` l-eredi u mhux fil-konfront ukoll ta` dawk minn hutu li ma kinux istitwiti bhala eredi ta` missierhom.

**2. Dritt ghas-sehem riservat**

Fl-**ewwel eccezzjoni** taghhom, il-konvenuti Saviour, Vincent, Raymond Carmel sive Lino u Victoria ahwa Vella jsostnu illi t-testatur eskluda lir-rikorrenti mill-wirt ghal raguni gusta li kienet spjegata fit-testment stess. Il-veracita` tal-eskluzjoni kellha tkun ippruvata fil-mori ta` l-kawza.

Fin-nota ta` osservazzjonijiet taghhom, l-istess konvenuti jirrilevaw illi r-rapport peritali baqa` sieket dwar din il-kwistjoni.

Skont il-konvenuti, il-Qorti kellha tqis jekk id-dizeredazzjoni kenitx gustifikata skont il-ligi.

Fil-Kap 16 id-dizeredazzjoni hija regolata kif gej :-

**Art 622** :

*Barra mir-ragunijiet li ghalihom wiehed jista` jsir mhux denn li jiret, il-persuni li skont il-ligi ghandhom il-jedd ghas-sehem rizervat jistghu jigu mcahhda minnu b` dikjarazzjoni maghmula ghaldaqshekk mit-testatur, ghal xi raguni msemmija f `dan il-Kodici, u li tkun imfissra fit-testment.*

**Art 623** :

*Bla hsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 630, ir-ragunijiet li ghalihom dixxendent jista` jigi dizeredat huma dawn biss li gejjin :*

*(a) jekk id-dixxendent ikun cahad minghajr raguni -lmanteniment lit-testatur ;*

*(b) jekk, fil-kaz li t-testatur jiggennen, id-dixxendent jabbandunah minghajr ma jiehu b`ebda mod hsieb tieghu ;*

*(c) jekk, fil-kaz li d-dixxendent seta` jehles lit-testatur mill-habs, hu naqas minghajr raguni tajba li jaghmel dan ;*

*(d) jekk id-dixxendent sawwat it-testatur, jew xort`ohra sar hati ta` mohqrija lejh ;*

*(e) jekk id-dixxendent kien hati lejn it-testatur ta` offiza gravi ;*

*(f) jekk il-persuna dixxendenti tkun tipprostitwixxi ruhha minghajr konnivenza tat-testatur ;*

*(g) f`kull kaz li fih it-testatur, minhabba z-zwieg taddixxendent, ikun gie, taht id-disposizzjonijiet talartikoli 27 sa 29, dikjarat hieles mill-obbligu li jaghti l-manteniment lil dak id-dixxendent.*

**Art 625** :

*(1) Ir-raguni tad-dizeredazzjoni ghandha tigi ppruvata minn dak li jsostni d-dizeredazzjoni.*

*(2) Jekk tkun issemmiet izjed minn raguni wahda, il-prova ta` wahda hija bizzejjed.*

**Art 626** :

*(1) Jekk dak li jigi dizeredat ikollu wliedu jew dixxendenti ohra, is-sehem rizervat li huwa jitlef, imiss lilhom.*

*(2) F`kull kaz bhal dan, id-dizeredat m`ghandux fuq is-sehem rizervat l-uzufrutt u lanqas l-amministrazzjoni, illi, skont il-ligi, seta` kellu jedd ghalihom.*

**Art 627** :

*Jekk id-dizeredat imut qabel it-testatur, id-dizeredazzjoni ma tkunx ta` hsara ghall-jeddijiet tad-dixxendenti tieghu.*

**Art 628** :

*Jekk id-dizeredat ma jkollu ebda mezz iehor biex ighix, dawk li minhabba d-dizeredazzjoni tieghu jkunu pprofittaw missehem rizervat tieghu, ghandhom jaghtuh il-manteniment, izda biss sa l-ammont tal-frottijiet tas-sehem rizervat, bla hsara ta` jeddijiet ohra ghal manteniment li hu jista` jkollu skont il-ligi.*

**Art 629** :

*Meta fit-testment ma tkunx imsemmija r-raguni li ghaliha wiehed ikun gie dizeredat, jew ma tigix ippruvata, id-dizeredat ghandu jedd ghas-sehem rizervat biss.*

**Art 630** :

*Jekk dak li lilu jmiss is-sehem rizervat ikun interdett minhabba tberbiq, jew ikun hekk mghobbi bid-djun li s-sehem rizervat, jew mill-anqas il-bicca l-kbira tieghu, jigi mikul b`dawk id-djun, it-testatur jista`, b`dikjarazzjoni espressa, jiddizeredah, u jhalli s-sehem rizervat lill-ulied jew lid-dixxendenti ta` dik il-persuna.*

Fis-sentenza li tat fit-18 ta` Jannar 2013 fil-kawza "**Anthony Pace v. Frances sive` Franca Camilleri et**" il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni ta` Gurisdizzjoni Generali (**JD**) qalet :-

*Illi hekk kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet Giovanni Bartolo vs Antonio Bartolo et (Vol XXIX.II.Pg 880 deciza fis-7 ta` Jannar 1936) –*

*"Fil-Kodici taghna giet segwita r-regola tad-Dritt Giustinianeo, illi l-kawza tad-dizeredazzjoni ghandha tkun provata minghand min isostni d-dizeredazzjoni."*

*(Filippa Debono et vs Alfred Falzon et, Cit Nru: 2020/2000 GCD deciza fit-30 ta`Ottubru 2003) …*

*Illi jista` jinghad illi l-interpretazzjoni ghandha tkun restrittiva kontra min irid iwaqqa` d-dizeredazzjoni ghaliex ghandha tigi rispettata l-volonta` tat-testatur. Il-verita` hija illi l-interpretazzjoni ghandha tkun restrittiva favur, u mhux kontra min qieghed jimpunja d-dizeredazzjoni, ghaliex d-dizeredazzjoni, kif ighid il-Merlin hija haga odjuza. Il-ligi, anki kontra l-volonta` tat-testatur, irrizervat lil certi persuni sehem mill-wirt ta` l-istess testatur ; biex kwindi t-testatur jista` b`disposizzjoni testamentarja jidderoga*

*ghal-ligi, u jhassar l-effikacja tar-rizervi li l-ligi ghamlet anki f`kaz ta` preterizjoni mill-parti tat-testatur, hemm bzonn illi tkun tezisti kawza minn dawk enumerati mil-ligi u hemm bzonn li tigi sodisfacentement provata mill-eredi. Il-ligi tippermetti d-deroga ghad-disposizzjonijiet taghha dwar il-legittima f`kazi determinati; hemm bzonn kwindi li dawk il-kazi jigu ppruvati.*

*Illi mis-suespost jemergi li l-artikolu 623 jipprovdi b`mod tassattiv liema huma r-ragunijiet li ghalihom persuna tista` tigi dizeredata. Tali raguni trid tkun issemmiet specifikatament fit-testment. Il-prova tad-dizeredazzjoni tinkombi fuq min isostniha.Peress li d-dizeredazzjoni hija haga odjuza l-interpretazzjoni ghandha tkun restrittiva favur min qieghed jimpunja d-dizeredazzjoni u mhux bil-kontra.*

Fis-sentenza li tat fis-7 ta` Ottubru 2015 fil-kawza "**Carmen Braddick Southgate et v. Teresa sive Tessie Cassar et**" din il-Qorti (**PA/AF**) qalet :-

*L-Art. 625 jipprovdi inoltre illi : "(1) Ir-raguni tad-dizeredazzjoni ghandha tigi ppruvata minn dak li jsostni d-dizeredazzjoni.*

*… Peress illi hawn si tratta ta` deroga mill-principju kardinali li l-volontà tat-testatur ghandha tigi rispettata, kull applikazzjoni tal-kuncett ghandha essenzjalment tkun restrittiva.*

Wara li ccitat mis-sentenzi "**Bartolo v. Bartolo**" (op. cit.) u "**Pace v. Camilleri et**" (op. cit.), il-Qorti kompliet :-

*Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, din il-Qorti tenfasizza li l-provi li kien jehtieg li jingiebu f`din il-kawza kellhom jirreferu ghall-perjodu ta` qabel ma sar it-testment. Ghalkemm possibilment indikattivi ta` "pattern" ta` mgieba, avvenimenti u cirkostanzi li sehhew wara d-data tat-testment sigriet m`ghandhomx wahedhom jitqiesu bhala li jsejjsu rragunijiet ghad-dizeredazzjoni fil-kaz in ezami. Ir-ragunijiet li ghalihom Carmelo Scerri ddizereda lil uliedu huma mohqrija mentali, malafama u l-fatt li rrifjutaw li jaghtu l-kunsens taghhom ghall-uzufrutt li kien igawdi fuq id-depoziti bankarji li halliet martu. Din il-Qorti, ghalkemm tinnota li r-relazzjonijiet familjari bejn latturi u l-missier u bejn l-atturi u l-konvenuti ma kienux idejali, anzi kienu spiss movimentati, ma ssibx li ngabu provi tal- mohqrija mentali li minnha lmenta t-testatur fit-testment sigriet.*

*… Kif spjegat fis-sentenza Attard Montalto vs Attard Montalto (20 ta` Marzu 1949 – fuq citata) :*

*" … l-ingurja gravi lill-axxedenti kontemplata bhala kawza ta` dizeredazzjoni hija dik verbali jew reali, li tikkontjeni limputazzjoni ta` xi fatt li jippregudika l-unur ta` laxxendent." Din il-Qorti hija konvinta illi r-raguni li wasslet lil Carmelo Scerri biex jaqta` lil uliedu mill-wirt kien ir-rifjut taghhom fir-rigward tal-uzufrutt li kien wiret minghand martu. Il-fatt innifsu huwa inkontestat. Fic-cirkostanzi il-Qorti sib li l-assjem tal-provi prodotti jwassluha ghall-konkluzjoni li d-dizeredazzjoni tal-atturi da parti tal-mejjet Carmelo Scerri ma gietx pruvata skond il-ligi.*

Meqjusa dawn il-principji, din il-Qorti ma tistax taqbel ma` l-eccezzjoni fuq riferita.

Il-kontenut tal-hames (5) artikolu tat-testment ta` Saviour Vella, fejn skont l-eredi ta` Saviour Vella tinsab ir-raguni ghad-dizeredazzjoni, ma jaqax fl-ambitu tar-ragunijiet li l-ligi fl-Art 623 tal-Kodici Civili tipprevedi li huma ragunijiet ammissibbli biex issehh dizeredazzjoni.

Id-decujus ghamel dik id-disposizzjoni testamentarja sabiex jiehu hsieb l-interessi ta` dawk l-ulied li kienu qed jaghtuh appogg f`mument difficli, billi skont il-hames (5) artikolu tat-testment, l-ulied li kienu qed jaghtuh appogg kienu qeghdin jinghataw il-genb minn ommhom. Dan assolutament ma jaqax taht xi wahda mir-ragunijiet ammissibbli ghal dizeredazzjoni skont l-Art 623 tal-Kap 16.

L-eredi ta` Saviour Vella ma ressqux provi sabiex juru li l-eskluzjoni ta` l-ulied l-ohra kienet gustifikata. Il-fatt li qaghdu fuq il-kontenut tal-hames (5) artikolu tat-testment mhuwiex bizzejjed sabiex din il-Qorti tikkonkludi li kien hemm dizeredazzjoni gustifikata u valida.

Lanqas huma stess ma jirrizulta li xehdu dwar dan jew gabu xi provi ohra, fosthom li jsiru domandi in subizzjoni lil omm sabiex tigi accertata l-allegazzjoni li kienet qed tiffavorixxi uhud mill-ulied izda mhux lilhom.

A tenur tal-Art 629 (supra), il-Qorti ssib li l-attur ghandu dritt ghas-sehem riservat.

Ghalhekk filwaqt illi qeghda tichad l-eccezzjoni, sejra tghaddi biex tillikwida l-istess sehem rizervat.

### 3. **<u>Likwidazzjoni tas-sehem rizervat</u>**

Il-Qorti tibda b`osservazzjoni. Hija hadet konjizzjoni tat-tieni eccezzjoni li ressqu l-eredi tad-decujus senjalat (i). Bil-fatt illi l-attur juza l-kliem *legitima* jew *sehem legitimarju* minflok *sehem rizervat* ma jaghmilha il-procediment inammissibbli. Huwa evidenti li dak li qed jirreferi ghalih l-attur huwa s-*sehem rizervat.* Ghalhekk kif jidher anke mill-bqija tal-eccezzjonijiet, l-eredi fehmu li din hija kawza ghal hlas ta` s-*sehem rizervat* u kwindi ma kienx lezjoni tad-dritt taghhom li jiddefendu ruhhom adegwatament kontra l-azzjoni attrici.

Il-ligi taghna taqsam il-gid tad-decujus fi tnejn : dik il-parti li hija disponibbli ; u l-parti l-ohra li mhijiex.

Il-parti mhux disponibbli tigi matematikament kalkolata a bazi tal-**<u>Art 616 et seq</u>** tal-Kap 16 (ara "**<u>Cutajar v. Cutajar</u>**" – PA/DS – 3 ta` Ottubru 2003).

Ghalhekk l-ewwel li jrid isir huwa l-accertament ta` jekk it-thollija ta` legat ikunx ecceda l-parti disponibbli tal-patrimonju.

Qabel l-emendi tal-2004, l-**<u>Art 648(b) tal-Kap 16</u>** kien jaqra hekk :-

*"imbaghad ghandhom jigu mghaqqdin maghhom b`kalkolu biss, il-beni li t-testatur ikun ta b`donazzjon ... kwantu ghall-hwejjeg immobbli skont l-istat taghhom fiz-zmien tad-donazzjoni u l-valur taghhom fiz-zmien tal-mewt tad-donatur."*

Ghalhekk sabiex isir il-kalkolu tal-legittima (illum is-sehem rizervat) iridu jizdiedu mal-assi ezistenti tad-decujus fid-data tal-mewt tieghu, id-donazzjonijiet li jkunu saru mit-testatur. Fil-kaz tal-immobbli, il-*punctum temporis* rilevanti huwa d-data tal-mewt.

Il-Qorti tirreferi ghal pag 1021 tan-**<u>Noti tal-Prof. V. Caruana Galizia dwar is-Successjoni</u>** :-

*"Such addition is necessary because the portion of the deceased`sproperty was saved by law in favour of certain persons cannot be diminishedby any disposition under a gratuitous title. The legitima portio is computedon the whole estate of the deceased, viz on the property which would haveexisted at the time of his death had he made no donations. The said additionis a fictitious one, a mere calculation which however may necessitate an actualaddition for the purpose of the abatement, if it results that the donations madeby the deceased exceed the disposable portion. Subject to addition is anyproperty given on donation to any person whatsoever, including those to whom the legitima portio is due ... even if the testator has exempted any of the saidpersons from imputing the property received on donation to their rights. Equally immaterial is the cause of the donation, consequently to thedeceased`s estate are added not only those made purely animo donandi but also those made in remuneration for services, or out of gratitude ..."*

Billi l-mejjet Saviour Vella kellu ghaxar (10) ulied, il-legittima jew sehem rizervat ikopri n-nofs tal-assi tieghu. Ghalhekk l-attur ghandu jedd ghal wiehed minn ghoxrin (1/20) mill-beni ta` missieru.

**Il-kawza tal-lum kienet prezentata fit-30 ta` April 2010. Saviour Vella miet fit-2 ta` Mejju 2000. Il-ligi applikabbli ghall-kaz tal-lum hija l-istat tad-dritt kif kien qabel dahlu fis-sehh l-emendi tal-2004. Id-disposizzjoni rilevanti kienet sostitwita bl-Att XVIII tal-2004. L-Art 116(2) tal-Att ighid illi t-tibdil effettwat kellu japplika <u>biss</u> ghas-successjonijiet li jkunu fethu jew sehhew <u>wara</u> d-dhul fis-sehh tal-Att. Ghalhekk kuntrarjament ghal dak illi jsostnu l-konvenuti, l-emendi tal-2004 ma jistghux jigu applikati ghall-kaz odjern.**

**<u>L-Art 620 tal-Kap 16</u>** – kif kien jaqra qabel l-emendi tal-2004 – ighid :

*(1) Il-legittima hija sehem mill-beni tal-mejjet, moghti mil-ligi lid-dixxendenti, u fin-nuqqas ta` dixxendenti lill-axxendenti tal-mejjet.*

*(2) Id-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu ma jhassrux id-disposizzjonijiet ta` l-artikoli 12 u 13 tal-Kapitolu I tat-Tielet Ktieb tad-Dritt*

*Municipali ta` Malta, maghruf bhala `Kodici de Rohan`, dwar tfal imwielda minn zwigijiet li saru qabel il-11 ta` Frar 1870, skond l-uzu msemmi f`dak il-Kodici, f`liema kaz jghoddu d-disposizzjonijiet ta` dak il-Kodici.*

Fil-kaz tal-lum, l-attur ghandu, safejn huwa possibbli, jippercepixxi l-legittima mill-beni li kellu missieru.

Fost l-ghadd ta` sentenzi li ttrattaw il-kwistjoni, il-Qorti tirreferi ghas-sentenza li tat din il-Qorti fit-22 ta` Mejju 1950 fil-kawza "**Maria Wismayer et v. Ruggiero Wismayer et**" (Kollez. XXXIV.ii.574) fejn inghad :

*Il-Legittimarju ma jistax jippretendi d-dritt li fil-legittimu tieghu tigi mdahhla parti minn kwalunkwe wahda mis-sustanzi li jikkomponu l-assi patrimonjali tad-decujus.*

*U ghalhekk, meta id-decujus ihalli xi legat, il-legittimarju ma jistax jinjora dak il-legat u jitlob li parti mill-beni li jikkomponu dak il-legat tigi mdahhla fil-legittima li tigi assenjata lilu.Dak il-legat ghandu jigi mehud in konsiderazzjoni biss ghall-finijiet tal-kalkolu tal-legittima, u jkun hemm lok ghar-riduzzjoni tieghu fil-kaz li tigi leza l-legittima.*

*Imma sakemm id-decujus ma jeccedix il-kwota disponibli, dak il-legat jibqa` jsehh.*

*Ghax il-legittima, skond il-ligi taghna, hija biss kwota mill-beni li jhalli d-decujus; u ghalhekk dana jista` jiddisponi kif irid mill-beni tieghu, minghajr distinzjoni ta` l-ispeci taghhom, imma biss bil-limitazzjoni tal-kwantita`. Jigifieri illi sakemm id-decujus ma jeccedix il-kwota disponibli tal-beni tieghu u ma jilledix il-legittima, huwa jista` jaghmel li jrid bil-kwota disponibli, u mhux obligat ihalli lill-legittimarju determinata speci ta` beni.*

L-istess insibu fis-sentenza li tat din il-Qorti fis-7 ta` Jannar 1967 fil-kawza "**Scicluna Maria Concetta et vs Carmelo Meli et noe**" :-

*Il-legittima hija biss kwota mill-beni li jhalli d-decujus u ghalhekk dan jista` jiddisponi kif irid mill-beni tieghu, salva l-limitazzjoni tal-kwantita`.Il-legittima ghandha tigi konsegwita b`assenjazzjoni u mhux b`sortegg, li jsir bejn l-eredi. Il-frutti li jiddekorru favur il-legittimarju huma biss dawk li jiddekorru fuq il-beni li jigu assenjati b`sodisfazzjoni tal-legittima.*

Ghalhekk skont il-ligi kif kienet qabel id-dhul fis-sehh tal-emendi tal-2004, il-legittima kienet dovuta *in natura, in piena propieta senza alcun peso od altra condizione* (Vol. XXXVIII.ii.116).

Din kienet tohloq problema ghaliex tikkontrasta mad-dritt tat-testatur li jhalli l-legati lil min jixtieq, ghaliex filwaqt li l-legittimarju ma jistax jippretendi li jinjora l-legati, u dawn ghandhom jittiehdu biss in konsiderazzjoni biex tigi kalkolata l-legittima (ara "**Vella vs Bezzina et**" : Qorti tal- Appell : 20 ta` Novembru 1998), is-suggeriment li l-legittima tigi sodisfatta b`ammont likwidu minflok *in natura* ma setax jinghata konsiderazzjoni, specjalment meta ma jirrizultax il-kunsens tal-interessati kollha (ara : "**Sammut vs Refalo**" : PA : 30 ta` Gunju 1954).

Fil-kaz tal-lum, il-perit legali kkonkluda li din il-Qorti ghandha tordna l-hlas ta` somma likwida bhala hlas tas-sehem rizervat dovut lill-attur.

Fin-noti ta` l-osservazzjonijiet taghhom, il-partijiet ma oggezzjonawx illi l-assenjazzjoni tas-sehem rizervat issir bil-hlas ta` flus minflok bl-assenjazzjoni ta` beni *in natura.*

Jidher ghalhekk li hemm qbil bejn il-kontendenti li l-assenjazzjoni tas-sehem rizervat tkun bil-hlas ta` flus.

Dan ipoggi lill-Qorti fis-sitwazzjoni fejn trid tiddeciedi jekk tapplikax il-ligi allura vigenti kif ghandha taghmel *stricto jure* jew taderixxix ghall-volonta` tal-partijiet u tillikwida somma kif issemma.

Irrizulta li Saviour Vella kellu biss sehem indiviz mill-immobbli appartenenti lill-assi ereditarji tieghu. Ghalhekk li kieku din il-Qorti kellha tassenja s-sehem riservat *in natura*, tinholoq sitwazzjoni fejn ikun hemm il-bzonn ta` divizjoni u possibiliment licitazzjoni biex dak is-sehem indiviz jigi likwidat minn mar-rimanenti koproprjetarji.

Fic-cirkostanzi u tenut kont ta` dan, il-Qorti sejra tirrispetta x-xewqa tal-partijiet ghaliex fil-fehma taghha jkun inutili li taghti sentenza li ma tikkuntenta lil hadd jew li taghti rimedju nieqes mill-effikacja jew aghar minn hekk, tiftah bieb berah ghal proceduri gudizzjarji godda, sabiex tigi

mibjugha l-proprjeta` li sehem indiviz minnha jigi assenjat l-attur bhala hlas tas-sehem rizervat.

Ghalhekk hija sejra tillikwida s-sehem rizervat fi flus li ghandhom jithallsu mill-eredi ta` d-decujus.

Kwistjoni ohra li tqajmet in konnessjoni mal-likwidazzjoni tal-beni kienet dik relatata maz-zmien li fiha ghandha ssir il-valutazzjoni.

Fin-nota ta` osservazzjonijiet taghhom, il-konvenuti jinsistu illi meta jkun qed isir l-ezercizzju illi permezz tieghu jkun stabbilit il-patrimonju tad-decujus, il-valuri li jridu jittiehdu in konsiderazzjoni huma dawk fid-data tal-ftuh tas-successjoni.

Din il-Qorti mhijiex ta` din il-fehma.

**Il-valur ghandu jkun dak taz-zmien meta tkun sejra tigi likwidata l-kwota spettanti lil-legittimarji.**

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta` Jannar 2005 fil-kawza "**Mary Anne Zammit et v. Antonia Ellul et**" fejn kien trattat propju dak il-punt.

Fis-sentenza li tat l-Ewwel Qorti fid-19 ta` Frar 2004 fl-istess kawza kien inghad illi d-data rilevanti kellha tkun id-data tal-ftuh tas-successjoni.

L-Ewwel Qorti kienet qalet hekk :-

*Illi l-ligi tqis il-legittima bhala parti mill-gid tal-mejjet u mhux sehemmill-wirt tieghu (hereditatis portio) u ghalhekk il-legittimarju m`huwiexsemplici kreditur tal-wirt u lanqas ma huwa mistenni li jaghmel tajjeb ghad-djun tieghu (ghalkemm l-ammont ta` djun tal-wirt ihallu effett fuq is-siden tal-legittima li l-legittimarju jkollu jircievi). Il-legittimarju, ghalhekk, ma jitlifx il-jedd ghal-legittima jekk kemm-il darba jirrinunzja ghall-wirt, u majistax jippretendi dak li jmissu b`legittima qabel ma jkun irrinunzja ghall-wirt.*

*Il-legittimarju jrid jitlob il-legittima minghand min ikun inhatar (jewaccetta li jkun) werriet ;Illi jsegwi li l-legittima trid tinghata in natura, jigifieri tkunmaghmula minn kull haga mill-gid tal-mejjet li jew tkun ghadha taghmelparti mill-assi tieghu mal-mewt, jew tkun iddahhlet idejalment lura fil-wirt jekk il-mejjet ikun matul hajtu iddispona b`liberalita` minn izjed minn dak l itaghtih il-ligi. Il-legittima tinhadem fuq il-wirt kollu (maghdud dak li t-testatur ikun ta b`xejn matul hajtu wkoll bi hsieb ta` zwieg), wara li jitnaqqsud-djun u l-ispejjez tal-funeral u dak il-gid kollazzjonabbli li l-legittimarjuikun ha minghand it-testatur, u tinghata fi proprjeta` shiha mehlusa minnkull piz jew kondizzjoni.*

Wara li ghamlet riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fl-14 ta` Dicembru 1973 fil-kawza "**Emilia Mifsud et vs Eleonora Mizzi et**" (mhix pubblikata) kompliet tghid :-

*F`dik is-sentenza jidher li ngharfu zewg sitwazzjonijiet partikolarif`kaz fejn il-legittima ntalbet: l-ewwel kaz kien jikkontempla l-aljenazzjonimill-werrieta ta` bicca mill-gid tal-wirt wara l-ftuh tieghu (u waqt li kienghaddej is-smigh tal-kawza), filwaqt li fit-tieni kaz kien jikkontempla ssitwazzjonifejn il-gid li minnu kellha tittiehed il-legittima baqa` kollu f`idejnil-werrieta. Fl-ewwel ipotezi, il-kriterju kellu jkun li l-valur tal-gid hekktrasferit kellu jkun dak taz-zmien meta sejra tigi likwidata l-kwotalegittimarja bis-sentenza. Fil-kaz tat-tieni ipotezi, il-valur tal-gid kellu jkundak fi zien li nfetah il-wirt, u b`mod izjed preciz : "li, ghal finijiet ta` loperazzjonipreliminari ta` komputa li hija r-riunjoni fittizja ta` l-assi ereditarju in kwantu diretta ghar-rikostruzzjoni talpatrimonju kollu taddecuius(li l-ligi tikkunsidra bhala terminu ta` riferiment ghaddeterminazzjonital-kwota disponibbli u, b`rifless ta` dik indisponibbli, ankebiex talvolta tigi affermata jew eskluza l-ezistenza tal-lezjoni tal-legittima)* ***bilfors*** *wiehed irid jirriporta ruhu ghall-valuri fiz-zmien ta` l-apertura tassuccessjoni,tenut kont, naturalment, f`dan ir-rigward, tad-disposizzjonijietrilevanti tal-ligi relattivi ghall-kollazzjoni.*

*Illi jidher li ghal din ir-regola hemm eccezzjoni fil-kaz fejn il-gid lijkun imiss lil-legittimarju jitgharraq ghal raguni jew kawza fortuwita jewminhabba force majeure li ghaliha l-werriet ma jkunx jahti jew fejn il-werrietma jkunx jahti ghad-dewmien biex il-legittimarju jitqieghed fil-pussess tal-gidli jmissu bhala legittima. F`dawn il-kazi, hemm il-fehma li l-legittimaghandha titqies fuq kemm ikun sa jiswa dak il-gid fil-kundizzjoni li jkun gieridott, salv kull jedd li l-legittimarju jiehu sehem minn xi kumpens li jista`jithallas dwar il-hsara mgarrba minn dak il-gid. Issa fil-kaz li ghandhaquddiemha l-Qorti llum, ma jidhirx li tirrizulta xi wahda minn*

*dawn iz-zewgcirkostanzi mhux tas-soltu li jwasslu biex titwarrab l-applikazzjoni tar-regolahawn fuq imsemmija.*

Kienu l-atturi li appellaw mis-sentenza tal-Ewwel Qorti.

Fis-sentenza taghha tat-28 ta` Jannar 2005, il-Qorti tal-Appell irrilevat li l-Ewwel Qorti ma kenitx tat interpretazzjoni korretta tal-ligi u tal-gurisprudenza in materja.

Il-Qorti ghamlet taghha dak li sostnew l-atturi tant li billi ccitat *verbatim* dak li kien rilevat minnhom fir-rikors tal-appell taghhom :-

*Illi bir-rispett kollu l-ewwel Onorabbli Qorti iffraintendiet il-posizzjonikif deciza fis-sentenzi precedenti u cioe` fil-kawza "Emilia Maria Mifsud vsEleonora Mizzi" u "Concetta Vella vs Giuseppe Bugeja" decizi mill-Qorti ta` l-Appell rispettivement fl-14 u 10 ta` Dicembru 1973; Fil-fatt fil-komputazzjonital-legittima hemm zewg stadji, l-ewwel wiehed huwa biex jigi determinatkienx hemm lesjoni tal-porzjoni tal-legittima dovuta lill-legittimarju u t-tieniwiehed fil-likwidazzjoni ta` dik il-legittima billi jigi estrapolat dak li ghandujinghata lill-legittimarju in sodisfazzjon tad-dritt tieghu. Din id-distinzjonitirrizulta car minn dak li rritjenew il-Qrati fil-precitati sentenzi u cioe` lighall-valutazzjoni tal-beni in konnessjoni mad-determinazzjoni tal-porzjonilegittima, u ghar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decuius, wiehed iridjirriporta ruhu ghall-valuri fiz-zmien ta` l-apertura tas-successjoni. Mill-bandal-ohra s-sentenzi jirritjenu li meta l-legittima ma tigiex sodisfatta utrattandosi ta` beni in natura id-dritt tal-legittimarju ghandu bhala oggett"un bene reale" u l-"aestimatoria rei" ghandha tkun riferita ghall-zmien talkonverzjoni,u cioe` fi zmien l-iktar qrib possibbli ghall-pronunzja gudizzjarji.*

*Illi tal-lezjoni tal-legittima) bilfors wiehed irid jirriporta ruhu ghall-valurifiz-zmien ta` l-apertura tas-successjoni, tenut kont naturalment f`dan ir-rigwardtad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi relattivi ghall-kollazzjoni.*

U kompliet hekk :-

*Dan il-principju jezawrixxi ruhu fil-fissazzjoni tal-kriterju li ghandujigi segwit ghall-kalkolu tal-valur ta` l-assi u tal-kwota tal-legittima; izda jekkil-legittima ma gietx sodisfatta u, trattandosi ta` beni in natura (mhux flus),ikkonvertiet ruha, fil-kazijiet fejn dan hu konsentit mil-ligi, fi*

*dritt ta` kreditufi flus id-dritt tal-legittimarju ghandu bhala oggett "un bene reale" u l-"aestimatio rei"* ***ghandha tkun riferita ghaz-zmien tal-konversjoni,*** *cioe`z-zmien l-iktar qrib possibbli ghall-pronunzja gjudizzjali u tenut kontghalhekk* ***ta` xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja.****Kien biss f`dan is-sens li din il-Qorti bis-sentenza taghha tal-14 ta`Dicembru, 1973 kienet bidlet id-decizjoni tal-Qorti ta` Prim Istanza inkwantuf`dik is-sentenza kien gie dikjarat biss "li l-istima tal-beni formanti parti mill-porzjoni spettanti lill-attrici bhala legittima, ghandu jsir skond il-valurtaghhom fis-suq tal-lum, u mhux dak prevalenti fl-epoka ta` l-apertura tas-successjoni.*

*Mentri wara li l-din il-Qorti, kif dakinhar komposta, ghamletdistinzjoni kif hawn fuq riportata, bejn meta ghandhom jigu utilizzati l-valuriprevalenti fid-data ta` l-apertura tas-successjoni, u meta ghandhom japplikaw l-valuri prevalenti fid-data tas-sentenza, ipprovdiet fuq l-appell billi qalet hekk :*

*"tiddikjara li l-valutazzjonijiet mehtiega ghandhom isiru ghab-bazi ta`u in konformita` mall-principji enuncjati aktar il-fuq f`din is-sentenza u f`danis-sens biddel is-sentenza appellata u tirrinvija l-atti quddiem l-ewwelOnorabbli Qorti ghall-kontinwazzjoni u decizjoni skond il-ligi".*

Il-Qorti tal-Appell baghtet lura l-atti lill-Ewwel Qorti sabiex "*tigi likwidata l-legittima spettanti lill-atturi fuq valutazzjoni tas-sehem ta` Emanuele Ellul mill-assi ereditarji ta` missieru Emanuele fi zmien l-iktar qrib possibbli ghall-pronunzja gudizzjarja".*

Il-Qorti hadet konjizzjoni tat-tlett sentenzi li tat din il-Qorti diversament ippreseduta fejn, skont il-konvenuti, il-Qorti accettat bhala rilevanti l-valur ta` l-assi fid-data tal-mewt tat-testatur. Il-konvenuti jirreferu ghas-sentenzi : "**Helen Baldacchino pro et noe v. Maria Lourdes Barun**" deciza fit-30 ta` April 2014 ; "**Michael Bonnici et v. Rev Francis Bonnici et**" deciza fil-25 ta` Lulju 2012 ; u "**Rita Spiteri et v. Andrew Briffa et**" deciza fid-29 ta` Ottubru 2014.

L-ewwel zewg decizjonijiet kienu jirrigwardaw successjonijiet ta` imwiet li sehhew wara li dahlu *in vigore* l-emendi bl-Att XVIII tal-2004, waqt li t-tielet decizjoni tghid, kuntrarjament ghal dak sottomess mill-konvenuti, illi l-valur ta` l-assi ghandu jkun dak l-aktar vicin ghal-likwidazzjoni :-

*Illi qabel xejn, bhalma jigri f`kazi simili, billi qamet il-kwistjoni tal-puncto temporis ta` meta ghandhom jigu valutati l-assi tal-mejta, il-Qorti*

*taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet "Mary Anne Zammit vs Antonia Ellul" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta` Jannar 2005 li taghmilha cara li dawn ghandhom jigu stmati kemm jista` jkun fid-data l-aktar vicina ghall-likiwidazzjoni, u dan fuq l-iskorta tas-sentenza "Mifsud vs Mizzi" deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta` Dicembru 1973. Biex taghmel dan, in kwantu ghall-proprjeta` mmobiljari, allura l-Qorti se tistrieh fuq il-valutazzjoni tal-perit tekniku l-Arkitett u Inginier Civli Valerio Schembri fl-atti ta` din il-kawza.*

**Din il-Qorti tibqa` tal-fehma illi l-argument tal-eredi tat-testatur ma jregix u li l-valur li ghandu jigi kkunsidrat huwa dak taz-zmien meta tkun sejra tigi likwidata l-kwota spettanti lil-legittimarju.**

**4. <u>Komputazzjoni</u>**

Din il-Qorti hadet konjizzjoni tas-sentenza ta` separazzjoni personali bejn it-testatur u l-mara tieghu fl-ismijiet "**<u>Carmen Vella vs Salvu Vella et</u>**" deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-31 ta` Ottubru 2007 li kopja taghha kienet ipprezentata fis-seduta peritali tat-8 ta` April 2011. Hemm saret referenza ghal dak li kien jappartjeni lill-komunjoni ta` l-akkwisti ta` bejn il-konjugi Vella.

Il-partijiet jaqblu li dawn kienu l-assi ereditarji tad-decujus :-

**i) ½ indiviz tal-fond konsistenti minn detached villa nru 28 bl-isem "Saratoga", Triq Dun Mawru Inguanez, Santa Venera**

Dwar il-valur ta` dan in-nofs indiviz, il-partijiet accettaw l-istima tal-Perit Joseph Ellul Vincenti. Ghalhekk il-Qorti sejra tikkunsidra l-valur bhala dak ta` €460,000 fl-intier ; kwindi sehem id-decujus, li huwa ta` nofs indiviz, jammonta **<u>€230,000</u>**.

Fin-nota ta` sottomissjonijiet taghhom, il-konvenuti jallegaw illi saru hafna xogholijiet minn uhud minnhom fil-propjeta` u li ghalhekk il-valur tax-xogholijiet ghandu jonqos mill-valutazzjoni tal-proprjeta. Pero` ma tressqet l-ebda prova dwar x` kienu dawn ix-xogholijiet u l-ispejjez relatati maghhom. Ghalhekk il-Qorti sejra twarrab din l-allegazzjoni ghal karenza ta` provi.

**ii) ¼ indiviz tal-fond 6, St Helen Square, Birkirkara**

Dwar il-valur ta` dan is-sehem, il-Qorti sejra tikkonsidra l-valur ta` din il-proprjeta` fl-ammont ta` €58,000 ossija in linea ma` dak stabbilit mill-Perit Alan Saliba moghti fiz-zmien l-iktar qrib ghal din il-likwidazzjoni. Dana jidher li huwa valur li l-partijiet qablu dwaru fin-nota ta` sottomissjonijiet rispettivi taghhom ; ghalhekk sehem il-mejjet ossija l-kwart indiviz jammonta ghal **€14,500**.

**iii) ¼ indiviz tal-fond 204, Victory Street, Senglea**

Dwar il-valur ta` dan is-sehem, il-Qorti hadet konjizzjoni tal-fatt li din il-proprejta` inbieghet bil-prezz ta` €128,115 skont kuntratt ta` bejgh tat-20 ta` Settembru 2013 fl-atti tan-Nutar Dottor Nicolette Vella liema kuntratt kien esebit bhala Dok A man-nota ta` sottomissjonijiet ta` l-attur.

Jidher li fuq dan il-kuntratt dehru l-eredi ta` Saviour Vella kif ukoll l-istess attur ghan-nom ta` ommu Carmela Vella. Ghalhekk l-attur kien konsapevoli ta` dak li kien qed jigri fir-rigward ta` dan il-bejgh. Inoltre l-Qorti tifhem li hemm dizgwid familjari ta` l-inqas bejn l-eredi ta` Saviour Vella, l-attur innifsu u ommu. Ghaldaqstant il-Qorti ma tarax li l-prezz indikat fil-kuntratt seta` kien xi ammont li ma kienx jirrifletti l-prezz li bih effettivament inbieghet il-proprjeta`. Ghalhekk hija ser taddotta bhala valur ghal proprjeta` intiera s-somma ta` €128,115, bis-sehem tad-decujus jammonta ghal **€32,028.75**.

**iv) ½ indiviz ta` l-ghalqa fil-limiti tas-Siggiewi kontrada ta` Manduca sive Ta` Jesmond u anke Ta` Wied Ziku**

Dwar il-valur ta` dan is-sehem, il-Qorti sejra taghmel taghha l-istima tal-Perit Alan Saliba ; l-intier fl-ammont ta` €210,000. Fuq dan hemm qbil bejn il-partijiet hekk kif jirrizulta min-noti ta` l-osservazzjonijiet. Ghalhekk sehem id-decujus huwa **€105,000**.

**v) ½ indiviz ta`l-ghalqa fil-limiti tas-Siggiewi kontrada Ta` Xriha**

Dwar il-valur ta` dan is-sehem, il-Qorti sejra toqghod ukoll fuq il-qbil tal-partijiet mal-istima tal-Perit Alan Saliba fl-ammont ta` €21,000, bis-sehem tad-decujus jigi jammonta ghal **€10,500**.

**vi) ½ indiviz tal-kontijiet bankarji mal-Bank of Valletta plc**

Irrizulta li l-ammonti ezistenti f`zewg kontijiet jammontaw ghal €7,132.48 u €4,658.75c (fol 97 sa 107). Ghalhekk sehem id-decujus jammonta ghal **€5,895.62c**.

**vii) ½ indiviz tal-kont fil-Global Capital**

Irrizulta li kien hemm bilanc ta` STG 25,841.83 skont contract number 4380 a fol 92 u 93. Skont il-kambju, il-figura tigi €35,191.64c, bis-sehem tad-decujus jigi jammonta ghal **€17,595.82c**.

**ix) ½ indiviz tal-Global Funds Sicav Plc : Global Bond Fund Plus**

Irrizulta li kien hemm ammont bir-referenza order number 82039 li jindika valur ta` €8,084.66 (a fol 94). Originarjament dan kien intestat fuq Ms Victoria and Mr Saviour Vella. Wara l-mewt ta` Saviour Vella dawn gew interament registrati fuq Ms Victoria Vella ; il-konvenuta kkonfermat li dawn kienu flus missierha u li hi ma tat l-ebda struzzjonijiet sabiex iduru fuq isimha. Ghalhekk dawn huma flus li jaghmlu parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta` Saviour Vella u martu ; nofs dan l-ammont u cioe` **€4,042.33** ghandu jigi kkunsidrat ghall-fini ta` t-talba attrici.

**TOTAL : €419,562.52**

Il-perit legali nkluda fost l-assi ereditarji ta` Saviour Vella l-valur tal-**mobbli** li kien hemm fid-dar taz-zwieg ta` bejn Saviour Vella u martu. Huwa kkonkluda li dawn jappartjenu lill-eredita` ta` Saviour Vella in vista ta` dak li hemm imnizzel fis-sentenza ta` separazzjoni personali (op. cit.).

Din il-Qorti mhijiex tal-istess fehma bhall-perit legali meta dan ghamel likwidazzjoni arbitrarja ta` ammont li jirrapprezenta l-valur tan-nofs indiviz ta` dawn il-mobbli.

Kien jinkombi fuq l-attur li jressaq provi dwar il-valur ta` dawn il-mobbli u l-kondizzjoni li jinsabu fihom.

Kif irrileva l-perit legali, il-Qorti fil-kawza ta` separazzjoni personali kienet hatret lil Peter Bonello bhala espert sabiex jaghmel stima ta` l-mobbli izda izda din l-istima ma kenitx esebita fil-kawza.

Ladarba kien jinkombi lill-attur li jressaq provi dwar il-konsistenza tal-assi ereditarji tad-decujus, in-nuqqas tal-attur m`ghandux jimtela mill-Qorti bi stima *arbitrio boni viri* meta stima ta` din ix-xorta mhijiex indikata. Il-Qorti ghandha zzomm ruhha distakkata mill-partijiet specjalment fejn jidhol l-oneru tal-prova.

Minkejja t-tielet eccezzjoni taghhom, u z-zewg paragrafi tas-sitt pagna tan-nota ta`sottomissjonijiet, l-eredi tad-decujus ma ressqux provi dwar allegati donazzjonijiet li rcieva l-attur, u li skont huma, kellhom jigu kkunsidrati fil-komputazzjoni tas-sehem rizervat.

Inoltre l-eredi tad-decujus eccepew illi ghandu jittiehed in konsiderazzjoni l-quantum tat-taxxa fuq dokumenti u trasferimenti li hallsu huma mad-dikjarazzjoni *causa mortis* stante li dawn huma spejjez tal-wirt. Lanqas f`dan il-kaz ma tressqu provi dwar dan l-allegat hlas li sar u ghalhekk l-Qorti mhijiex sejra tichad it-tielet eccezzjoni.

Jifdal biss il-kwistjoni tal-kumpannija Velga Brothers Limited.

Fis-seduta peritali tat-8 ta` April 2011, il-partijiet qablu li fil-komunjoni tal-akkwisti, hemm ukoll l-ishma tal-kumpannija Velga Brothers Limited li kienet qeghda tigi stralcjata ghalkemm l-istralc kien ghadu pendenti.

Jidher illi kien hemm qbil bejn il-partijiet li meta din il-Qorti taghti s-sentenza taghha tirriserva illi qabel il-kumpannija tkun stralcjata u ssir l-iskema ta` distribuzzjoni, l-attur ikun jibqaghlu d-dritt li jiehu azzjoni sabiex jinghata l-bilanc ulterjuri spettanti lilu minn din il-kumpannija.

Ladarba l-attur u l-eredi tad-decujus qablu dwar dan il-punt, il-Qorti sejra tghaddi sabiex tillikwida l-ammont tas-sehem rizervat bir-rizerva ghal kull bilanc ulterjuri li jista` jkun spettanti lill-attur mill-istralc ta` Velga

Brothers Limited kompriz is-sehem ta` l-ishma u ta` kwalsiasi kreditu spettanti lid-decujus.

**<u>Salv dak li nghad dwar Velga Brothers Limited</u>, il-valur determinat tal-assi tad-decujus huwa <u>€419,562.19</u> (*supra*). Il-quantum tas-sehem rizervat tal-attur jammonta ghal wiehed minn ghoxrin (1/20) fl-ammont ta` <u>€20,978.12</u>.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti Saviour sive Salvino, Vincent, Raymond, Carmel sive Lino u Victoria ahwa Vella.**

**Tilqa` l-ewwel eccezzjoni ta` l-konvenut Anthony Vella, tiddikjara li dan il-konvenut mhuwiex il-legittimu kontradittur tal-attur, u ghalhekk qeghda tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Riferibbilment ghall-ewwel talba, tillikwida l-assi ereditarji tal-mejjet Saviour Vella bhala konsistenti minn dawk l-assi li jinsabu elenkati fit-Taqsima ta` din is-sentenza ntitolata "V. Konsiderazzjonijiet ta` l-Qorti" hekk kif senjalat bin-numru "3. Likwidazzjoni tas-sehem rizervat", u bin-numru "4. Komputazzjoni".**

**Riferibbilment ghat-tieni talba, tillikwida s-sehem rizervat dovut lill-attur, hekk kif ikkalkolat fuq l-immobbli, fuq id-depoziti bankarji u fuq l-investimenti li jaghmlu parti mill-assi ereditarji tal-mejjet Saviour Vella, fl-ammont ta` ghoxrin elf disa` mija tmienja u sebghin Ewro hdax-il centezmu (€20,978.11c).**

**Jibqa` salv u mpregudikat id-dritt tal-attur li jirreklama l-hlas tas-sehem rizervat dovut lilu skont kif stabbilit u determinat b`din is-sentenza fuq dak kollu li jispetta lill-wirt ta` d-decujus Saviour**

**Vella fil-kumpannija Velga Brothers Limited, li ghalkemm xjolta ghadha mhijiex stralcjata.**

**Riferibbilment ghat-tielet talba, tordna li tigi assenjata lill-attur is-somma ta` ghoxrin elf disa` mija tmienja u sebghin Ewro hdax-il centezmu (€20,978.11c) bhala s-sehem rizervat dovut lilu mill-wirt tal-mejjet Saviour Vella skond kif dettaljat fit-tieni talba, bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**Anke fir-rigward tat-tielet talba, jibqa` salv u mpregudikat id-dritt tal-attur li jirreklama l-hlas tas-sehem rizervat dovut lilu skont kif stabbilit u determinat b`din is-sentenza fuq dak kollu li jispetta lill-wirt ta` d-decujus Saviour Vella fil-kumpannija Velga Brothers Limited, li ghalkemm xjolta ghadha mhijiex stralcjata.**

**Tichad ir-raba` u l-hames talbiet attrici billi mhumiex mehtiega.**

**Tordna li l-ispejjez kollha ta` din il-kawza jithallsu mill-konvenuti Saviour sive` Salvino, Vincent, Raymond, Carmel sive` Lino u Victoria ahwa Vella, *in solidum* bejniethom.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**